# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2410

**tal-5 ta' Diċembru 2022**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward ta' ċerti tibdiliet għar-regoli amministrattivi u tal-persunal u tal-introduzzjoni ta' benefiċċju għall-edukazzjoni u ta' regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91 u 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (it-"TCT") ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 ([1]).

(2) It-TCT ġie approvat f'isem l-Unjoni fl-4 ta' Marzu 2019 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali ġie stabbilit mit-TCT għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tajba tat-TCT.

(4) Huwa previst li l-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jadotta deċiżjonijiet dwar emendi għad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tiegħu, dwar regoli dwar il-benefiċċji għall-edukazzjoni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport u dwar regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment, rispettivament.

(5) Billi tali deċiżjonijiet huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali fir-rigward tal-adozzjoni tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tad-deċiżjonijiet li jemendaw id-Deċiżjoni Nru 2019/3 fir-rigward tar-regoli dwar il-benefiċċji għall-edukazzjoni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport u regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment, rispettivament, għandha tkun imsejsa fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Tibdiliet minuri fl-abbozzi tad-deċiżjonijiet jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).

Magħmul fi Brussell, il-5 ta’ Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. KUPKA

**ABBOZZ**

**DEĊIŻJONI Nru …/2022 TAL-KUMITAT TA’ TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT**

**ta’ …**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-5 ta’ Ġunju 2019**

IL-KUMITAT TA’ TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b’mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 30 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Id-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport tal-5 ta’ Ġunju 2019 hija b’dan emendata kif ġej:

1) l-intestatura 3 tal-Anness I, il-punt 30, l-ewwel sentenza għandha tinqara kif ġej:

“Fil-proċedura tal-għażla, id-Direttur għandu jkun sostnut minn Kumitat tal-Għażla, li għandu jkun jikkonsisti f’tal-anqas erba’ membri: rappreżentant wieħed mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, rappreżentant wieħed tal-Presidenza u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea.”;

2) l-intestatura 5 tal-Anness II, ir-“Regolamenti tal-persunal tal-Komunità tat-Trasport” hija emendata u għandha tinqara kif ġej:

“5. IL-ĦINIJIET TAX-XOGĦOL, IX-XOGĦOL PART-TIME U T-TELEXOGĦOL”;

3) jiżdied Artikolu 5.3 ġdid mal-Anness II, ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport, u għandu jinqara kif ġej:

“5.3 Telexogħol

It-telexogħol għandu jkun applikabbli f’ċirkostanzi eċċezzjonali u biss meta jkun b’mod ċar fl-interess u fil-prijoritajiet tas-Segretarjat.

It-telexogħol għandu jingħata mid-Direttur jew minn Viċi Direttur.

It-telexogħol għandu jkun limitat fil-ħin u fid-durata.

Id-Direttur għandu joħroġ regoli dettaljati dwar it-telexogħol fil-ġimgħa tax-xogħol normali.”

4) L-intestatura 9 tal-Anness II, ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport għandha tinqara kif ġej:

“9. IS-SALARJI, L-IVVJAĠĠAR, L-ISPEJJEŻ TAL-ISPOSTAMENT U L-BENEFIĊĊJU GĦALL-EDUKAZZJONI”;

5) jiżdied Artikolu 9.4 ġdid mal-Anness II, ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport, u għandu jinqara kif ġej:

“9.4 Benefiċċju għall-edukazzjoni

Il-Komunità tat-Trasport tista’ tikkontribwixxi għall-benefiċċju għall-edukazzjoni għal wild jew ulied dipendenti ta’ membri tal-persunal li jkun qiegħed jattendi jew li jkunu qegħdin jattendu istituzzjoni edukattiva li titlob il-miżati tal-iskola fil-post fejn tinsab is-sede tas-Segretarjat Permanenti, f’konformità mar-regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat ta’ Tmexxija.”

*Għall-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali*

*Il-President*

**ABBOZZ**

**DEĊIŻJONI Nru .../2022 TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT**

**ta' …**

**dwar ir-regoli dwar il-benefiċċju għall-edukazzjoni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport**

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 30 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Ir-regoli dwar il-benefiċċju għall-edukazzjoni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, mehmuża ma' din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

*Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali*
*Il-President*

**Regoli dwar Benefiċċji għall-edukazzjoni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport**

1. Definizzjonijiet

1.1 "Segretarjat" tfisser is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

1.2 "Direttur" tfisser id-Direttur tas-Segretarjat.

1.3 "Membri tal-persunal" tfisser l-uffiċjali kollha tas-Segretarjat, jiġifieri d-Direttur u l-Viċi Diretturi u l-persunal l-ieħor kollu mill-Partijiet kontraenti, li jaħdmu b'mod permanenti fis-Segretarjat f'konformità mar-Regolamenti tal-persunal, esklużi l-esperti nazzjonali sekondati u l-esperti kkuntrattati lokalment.

1.4 "Wild dipendenti" tfisser:

a) il-wild leġittimu, naturali jew adottat ta' uffiċjal, jew tal-konjuġi tiegħu, li fil-fatt qiegħed jiġi mantnut mill-membru tal-persunal. L-istess għandu japplika għal wild li għalih saret applikazzjoni għall-adozzjoni u li għalih tkun inbdiet il-proċedura tal-adozzjoni;

b) kwalunkwe wild li l-membru tal-persunal għandu r-responsabbiltà li jmantni, taħt deċiżjoni ġudizzjarja dwar il-protezzjoni tal-minorenni.

1.5 "Kwartieri Ġenerali" tirreferi għall-post fejn tinsab is-sede tas-Segretarjat.

1.6 "istituzzjonijiet edukattivi" tfisser nurseries, kindergarten, istituzzjonijiet edukattivi preprimarji, primarji u sekondarji, li jipprovdu kurrikuli għat-taħriġ u t-tagħlim.

1.7 "benefiċċju għall-edukazzjoni" tfisser ammont b'rata fissa li jikkontribwixxi għall-miżati tal-iskola/tariffi tar-reġistrazzjoni jew għall-miżati ġenerali għall-iskola u l-edukazzjoni imposti mill-istituzzjoni edukattiva.

2. Applikabbiltà

2.1 Il-benefiċċji għall-edukazzjoni huma applikabbli għall-membri kollha tal-persunal dment li:

Il-wild/ulied dipendenti tal-membru tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport huwa/huma rreġistrat(i) fis-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern tar-Repubblika tas-Serbja u,

il-wild/ulied dipendenti qegħdin jattendu istituzzjoni edukattiva li timponi miżati tal-iskola u tinsab fis-sede tas-Segretarjat Permanenti f'Belgrad.

2.2 L-intitolament għandu jieqaf f'każijiet meta:

a) il-wild ma jibqax jattendi full-time istituzzjoni edukattiva li timponi miżati għall-edukazzjoni, jew

b) il-wild jagħlaq it-18-il sena, jew

c) l-impjieg tal-membru tal-persunal jintemm.

3. Ħlas tal-benefiċċju għall-edukazzjoni

3.1 Il-membri tal-persunal għandhom jirċievu benefiċċju għall-edukazzjoni għal kull wild dipendenti skont it-tifsira tal-punt 1.4, li jkollu inqas minn sitt snin u li jkun qiegħed jattendi nursery, kindergarten jew istituzzjoni edukattiva preprimarja. Dan il-benefiċċju preprimarju jingħata sas-sena li fiha l-wild jagħlaq is-sitt snin (inkluża s-sitt sena) jew sakemm il-wild jibda l-iskola primarja.

3.2 Il-membri tal-persunal għandhom jirċievu benefiċċju għall-edukazzjoni għal kull wild dipendenti, skont it-tifsira tal-punt 1.4, li jkollu mill-inqas ħames snin u li jkun jattendi b'mod regolari full-time fl-iskola primarja jew sekondarja. Malli l-wild jibda l-iskola primarja, l-eliġibbiltà għall-benefiċċju preprimarju ma tibqax applikabbli.

3.3 L-entrati ta' nefqa li ġejjin għandhom jitqiesu għall-benefiċċju għall-edukazzjoni:

a) tariffa/tariffi għar-reġistrazzjoni ta' istituzzjoni skolastika/edukattiva, jew

b) miżati ġenerali għall-iskola u l-edukazzjoni mitluba mill-istituzzjoni edukattiva.

Il-benefiċċju għall-edukazzjoni ma għandu jinkludi l-ebda kost relatat direttament mal-iskola: it-trasport tat-tfal, il-kotba, l-ikliet, il-lezzjonijiet addizzjonali, it-tuturi addizzjonali, it-tagħmir, l-eżamijiet jew l-ispejjeż tal-eżamijiet, l-ispejjeż għal korsijiet u attivitajiet speċjali (inkluż it-tagħmir), il-korsijiet bil-korrispondenza msemmija fi 3.8, u lanqas kwalunkwe kost ieħor differenti mill-miżati annwali tal-iskola jew it-tariffi tar-reġistrazzjoni. Din il-limitazzjoni tapplika wkoll għal kostijiet oħrajn relatati indirettament: krediti, self jew affarijiet simili potenzjali, li għalihom il-membru tal-persunal jista' japplika sabiex ikopri l-ispejjeż tal-iskola.

3.4 Id-dritt għall-benefiċċju għall-edukazzjoni għandu jibda fl-ewwel jum tax-xahar li fih il-wild minuri jibda jattendi l-istituzzjoni edukattiva kif deskritt fil-punti 3.1 u 3.2 u għandu jieqaf fl-aħħar tal-aħħar xahar tas-sena skolastika li fiha l-wild minuri jagħlaq it-18-il sena.

3.5 Il-limitu massimu mħallas għall-benefiċċju għall-edukazzjoni għall-iskola primarja jew sekondarja għandu jkun ta' EUR 285,81 fix-xahar, filwaqt li l-limitu massimu mħallas għall-benefiċċju għall-edukazzjoni għan-nursery, għall-kindergarten jew għall-istituzzjoni edukattiva preprimarja għandu jkun ta' EUR 102,90 fix-xahar.

L-ebda spiża 'l fuq minn dawn il-limiti massimi ma tiġi rimborżata.

3.6 Il-ħlas tal-benefiċċju għall-edukazzjoni għandu jsir mal-preżentazzjoni tal-evidenza tal-ħlas/tal-fattura oriġinali maħruġa mill-istituzzjoni edukattiva tat-tariffi tar-reġistrazzjoni/miżati tal-iskola u ta' dokumentazzjoni oħra ta' sostenn, li tikkonferma li t-tfal jattendu l-istituzzjoni edukattiva li titlob it-tariffi fil-post fejn jiltaqa' s-Segretarjat.

Il-pagament għandu jsir, abbażi tal-kostijiet effettivi mġarrba għat-tariffi tar-reġistrazzjoni/miżati tal-iskola u sal-limiti massimi tal-punt 3.5, bħala pagament ta' kull xahar ugwali għal wieħed minn tnax tal-kostijiet eliġibbli totali.

3.7 Jekk l-edukazzjoni tal-wild tiġi interrotta għal mill-inqas sena skolastika waħda minħabba mard jew raġunijiet konvinċenti oħrajn, il-perjodu ta' eliġibbiltà għandu jiġi estiż bil-perjodu ta' interruzzjoni.

3.8 Il-benefiċċju għall-edukazzjoni ma għandux jitħallas fir-rigward ta' korsijiet bil-korrispondenza jew għat-tagħlim privat.

3.9 F'każ li l-wild jirċievi borża ta' studju jew kwalunkwe finanzjament jew benefiċċju ieħor minn sorsi oħrajn bħala appoġġ għall-kost tar-reġistrazzjoni fl-istituzzjoni edukattiva, il-membru tal-persunal għandu jinforma lis-Segretarjat bil-miktub u l-benefiċċju għall-edukazzjoni għandu jitnaqqas u jiġi kkalkolat abbażi tal-ammont li jifdal li jkun kopert mill-membru tal-persunal.

3.10 Is-sena skolastika għandha tikkonsisti fin-numru effettiv ta' jiem bejn l-ewwel jum tat-term tal-ftuħ u l-aħħar jum tat-term finali fl-istituzzjoni edukattiva li jattendi fiha l-wild.

3.11 It-talbiet għall-ħlas tal-benefiċċju għall-edukazzjoni għandhom jiġu ppreżentati lid-Direttur bil-miktub u għandhom jiġu appoġġati minn evidenza dokumentarja kif meħtieġ fid-dispożizzjoni 3.6.

4. Dispożizzjoni finali

4.1 Il-benefiċċji għall-edukazzjoni għal wild/ulied dipendenti li jkunu bdew l-iskola fis-sena ta' qabel is-sena tal-adozzjoni tar-regoli tal-edukazzjoni għandu jiġi rimborżat f'konformità mar-regoli tal-edukazzjoni adottati mal-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni ta' sostenn dwar il-kost reali mġarrab u sal-limiti massimi adottati.

4.2 Il-membri tal-persunal għandhom jiddikjaraw kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni tal-edukazzjoni, bħat-tmiem tal-edukazzjoni, l-interruzzjoni tal-edukazzjoni u l-bidu mill-ġdid tal-edukazzjoni wara interruzzjoni, il-bdil ta’ skola, eċċ., bil-miktub lid-Direttur. Il-bidla korrispondenti fil-benefiċċju tal-edikazzjoni ser tiġi applikata b’mod retroattiv mill-ewwel jum tax-xahar li jsegwi x-xahar li fih isseħħ il-bidla.

4.3 Id-Direttur huwa responsabbli għall-implimentazzjoni xierqa ta’ dawn ir-regoli.

4.4 Skont l-iżvilupp tal-prezzijiet, id-Direttur jista’ jipproponi lill-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali biex jirrieżamina dawn ir-regoli.

**ABBOZZ**

**DEĊIŻJONI Nru .../2022 TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT**

**ta' …**

**dwar ir-regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment**

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 30 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Ir-regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment, mehmuża ma' din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

*Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali*
*Il-President*

**Regoli dwar Is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment**

1. Definizzjonijiet

1.1 "Segretarjat tat-TCT" tfisser is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport;

1.2 "Direttur" tfisser id-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT;

1.3 "Membri tal-persunal" tfisser l-uffiċjali kollha tas-Segretarjat tat-TCT, jiġifieri d-Direttur, il-Viċi Direttur u l-persunal l-ieħor kollu mill-Partijiet kontraenti, li jaħdmu b'mod permanenti fis-Segretarjat tat-TCT f'konformità mar-Regolamenti tal-persunal, esklużi l-esperti ssekondati u dawk ikkuntrattati lokalment.

1.4 "Part tal-Ewropa tax-Xlokk" tfisser tfisser waħda mill-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo *, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja;

1.5 "persuna ssekondata" tfisser impjegat imħaddem mill-impjegatur oriġinali (effettiv), iżda mibgħut temporanjament fil- Kwartieri Ġenerali biex iforni servizzi lis-Segretarjat tat-TCT.

1.6 "Sekondar" tfisser l-assenjazzjoni temporanja ta' impjegat minn organizzazzjoni separata lis-Segretarjat tat-TCT għal perjodu speċifikat, biex iwettaq attività speċifika.

1.7 "Kwartieri Ġenerali" tirreferi għall-post fejn tinsab is-sede tas-Segretarjat tat-TCT.

1.8 "Istituzzjonijiet pubbliċi tat-trasport" tfisser il-korpi amministrattivi kollha relatati mat-trasport fil-livelli kollha tal-Istat, bħall-ministeri u entitajiet u istituzzjonijiet pubbliċi oħrajn, fi ħdan il-partijiet għat-TCT.

1.9 "TCT" tfisser it-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport.

1.10 "Persuna kkuntrattata lokalment" tfisser kwalunkwe espert impjegat għal perjodu ta' żmien limitat u li jwettaq l-attivitajiet lokalment fi kwalunkwe waħda mill-partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk.

2. Sekondar

2.1 Meta jippjana s-sekondar, is-Segretarjat tat-TCT għandu jiżgura li l-ħtiġijiet tas-Segretarjat tat-TCT ikunu prinċipju ta' gwida primarja, f'konformità mat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport u mal-Programm ta' Ħidma Annwali miftiehem.

2.2 L-istituzzjonijiet pubbliċi tat-Trasport tal-Partijiet Kontraenti tat-TCT huma intitolati li jissekondaw esperti għal assenjazzjoni fi ħdan is-Segretarjat tat-TCT.

2.3 Persuna ssekondata għandha tkun membru tal-persunal impjegat fl-amministrazzjoni pubblika, warali tkun ħadmet għall-impjegatur tagħha fuq bażi permanenti jew kuntrattwali għal mill-inqas sentejn qabel is-sekondar tagħha u li tibqa' fis-servizz ta' dak l-impjegatur matul il-perjodu tas-sekondar. Għandu jkollha mill-inqas tliet snin esperjenza ta' funzjonijiet legali, xjentifiċi, tekniċi, konsultattivi jew superviżorji f'qasam relatat mat-trasport.

2.4 L-impjegatur tal-persuna ssekondata għandu jimpenja ruħu li jkompli jħallas is-salarju tal-persuna ssekondata u li jżomm l-istatus amministrattiv tal-persuna ssekondata matul il-perjodu tas-sekondar. L-impjegatur tal-persuna ssekondata għandu jkompli jkun responsabbli wkoll għad-drittijiet soċjali tal-persuna ssekondata, b'mod partikolari l-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-pensjoni u kontribuzzjonijiet oħrajn tas-sigurtà soċjali kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni domestika. It-terminazzjoni jew il-bidla fl-istatus amministrattiv tal-persuna ssekondata tista' twassal għat-terminazzjoni tas-sekondar mis-Segretarjat tat-TCT.

2.5 Il-persuna ssekondata għandha tkun ċittadin ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni jew ta' kwalunkwe Parti tal-Ewropa tax-Xlokk.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

2.6 Is-Segretarjat tat-TCT ma jkopri l-ebda kost ieħor ta' ingaġġ lill-persuna ssekondata, minbarra dak li huwa stabbilit fil-punt 10.

2.7 Il-post tas-sekondar għandu jkun is-sede tas-Segretarjat tat-TCT f'Belgrad.

2.8 Il-persuna ssekondata għandu jkollha kmand eċċellenti tal-lingwa Ingliża.

2.9 Id-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT għandu jinforma lill-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali, permezz tar-rapport operazzjonali annwali, dwar is-sitwazzjoni attwali tas-sekondar għas-sena preċedenti.

3. Proċedura ta' selezzjoni

3.1 Is-Segretarjat tat-TCT għandu jwettaq valutazzjoni annwali tal-kapaċità amministrattiva u finanzjarja tiegħu għall-għadd ta' persuni ssekondati li jistgħu jintlaqgħu fis-Segretarjat tat-TCT. Is-Segretarjat tat-TCT għandu jiddefinixxi l-għarfien espert/il-profil meħtieġ tal-persuna ssekondata, skont il-pjan ta' attivitajiet deskritt fil-Programm ta' Ħidma Annwali għas-sena partikolari. Il-kapaċità finanzjarja ser tiġi ddeterminata mid-disponibbiltà baġitarja annwali.

3.2 Il-persuni ssekondati għandhom jintgħażlu permezz ta' proċedura miftuħa u trasparenti li tinkludi bord tas-selezzjoni li jikkonsisti minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea, mill-President jew mill-Kopresident tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tat-TCT, u minn rappreżentant tas-Segretarjat tat-TCT.

3.3 Għandha tintbagħat stedina għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet ta' sekondar f'sena partikolari mis-Segretarjat tat-TCT lill-Partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk, skont l-ordni alfabetiku tagħhom, kif deskritt f'1.4, u lill-UE. Kull Parti tal-Ewropa tax-Xlokk u l-UE għandhom jiġu mistiedna jissottomettu lista qasira ta' mill-inqas żewġ kandidati u sa massimu ta' tliet kandidati li jissodisfaw il-kriterji tas-selezzjoni għal intervista sussegwenti mal-bord tas-selezzjoni.

3.4 Il-proċedura u l-kriterji tas-selezzjoni għandhom jiġu abbozzati mis-Segretarjat tat-TCT u għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali.

3.5 Fil-każ li l-applikazzjonijiet għas-sekondar jiġu mill-Parti tal-Ewropa tax-Xlokk li jkollha l-Presidenza tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali, il-bord tas-selezzjoni għandu jikkonsisti mir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea, mill-President jew mill-Kopresident tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tat-TCT li jmiss, u mir-rappreżentant tas-Segretarjat tat-TCT.

3.6 Wara proposta tal-Bord tas-Selezzjoni, is-sekondar għandu jiġi awtorizzat mid-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT.

3.7 Is-sekondar għandu jirrikjedi att ta' ħatra mid-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT u ftehim bil-miktub dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-sekondar, inkluż dawk tal-istituzzjoni rispettiva li hija l-impjegatur formali tal-persuna ssekondata. Dan ser isir permezz ta' skambju ta' ittri bejn id-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT u l-Kap tal-istituzzjoni li tipproponi lill-persuna ssekondata.

4. Perjodu tas-sekondar

4.1 Il-perjodu tas-sekondar għandu jkun limitat għal sitt xhur.

4.2 Il-persuni ssekondati għandhom jaħdmu fuq bażi full time tul il-perjodu tas-sekondar.

5. Il-kompiti tal-persuna ssekondata

5.1 Il-persuna ssekondata ser tirċievi pjan ta' ħidma b'kompiti u b'responsabbiltajiet definiti b'mod ċar, kif ukoll linji ta' rapportar.

5.2 L-arranġamenti kollha relatati max-xogħol għandhom isiru bil-miktub. Id-dipartiment li lilu tiġi assenjata l-persuna ssekondata għandu jinforma lill-persuna ssekondata u lill-impjegatur tagħha, qabel il-bidu tas-sekondar, bid-dmirijiet u l-kompiti maħsuba u għandu jitlobhom jikkonfermaw bil-miktub li ma jafu bl-ebda raġuni (bħal kunflitt ta' interess, jew nuqqas ta' kompatibbiltà mal-kompetenzi professjonali tal-persuna ssekondata) kontra l-assenjazzjoni ta' dawk id-dmirijiet u l-kompiti lill-persuna ssekondata.

5.3 Il-persuna ssekondata ma għandhiex tirrappreżenta lis-Segretarjat tat-TCT jew tidħol f'impenji, kemm jekk finanzjarji kif ukoll jekk le, jew negozjati ma' partijiet terzi, f'isem is-Segretarjat tat-TCT. B'mod partikolari, il-persuna ssekondata:

a) ma għandhiex tkun involuta f'xi attività barra l-Komunità tat-Trasport matul il-perjodu tas-sekondar, li tkun inkompatibbli mal-eżekuzzjoni xierqa ta' dmirijietha, jew li tista' tikkawża kunflitt bejn l-interessi personali u l-interessi tal-Komunità tat-Trasport, jew li tista' tikkawża ħsara lir-reputazzjoni tal-Komunità tat-Trasport;

b) ma għandha twettaq l-ebda attività mħallsa matul il-perjodu ta' sekondar lil hinn mill-Komunità tat-Trasport mingħajr approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur minn qabel.

Il-persuna sekondata li jkollha sehem, b'mod dirett jew indirett, f'kumpanija involuta fis-settur tat-trasport, li jippermettilha tinfluwenza l-ġestjoni tal-kumpanija, għandha tinnotifika bil-miktub lid-Direttur dwar dak il-fatt.

5.4 Is-Segretarjat tat-TCT għandu jibqa' unikament responsabbli għall-approvazzjoni tar-riżultati ta' kwalunkwe kompitu mwettaq mill-persuna ssekondata u għall-iffirmar ta' kwalunkwe dokument uffiċjali li jirriżulta minn dawk il-kompiti.

5.5 L-impjegatur u l-persuna ssekondata għandhom jimpenjaw ruħhom ukoll li jinfurmaw lis-Segretarjat tat-TCT bi kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi matul is-sekondar, b'mod partikolari dawk li jistgħu jwasslu għal kwalunkwe kunflitt ta' interess kif imsemmi f'5.3.(a).

5.6 In-nuqqas min-naħa tal-persuna ssekondata li tikkonforma mal-kompiti assenjati jew li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet skont 5.3 għandu jagħti d-dritt lid-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT, jekk iqis xieraq, li jittermina s-sekondar.

5.7. Fi tmiem is-Sekondar, ser issir intervista ta' ħruġ u rapport ta' evalwazzjoni mis-Segretarjat. Ir-rapport ser ikun kondiviż mal-persuna ssekondata u mal-istituzzjoni li pproponietha.

6. Drittijiet u obbligi tal-persuna ssekondata

6.1 Matul il-perjodu tas-sekondar:

Il-persuna ssekondata għandha twettaq dmirijiet u għandha taħdem biss fl-interessi tas-Segretarjat tat-TCT skont l-għanijiet u l-objettivi tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport.

Il-persuna ssekondata la għandha tfittex u lanqas għandha tieħu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern, awtorità, organizzazzjoni jew persuna barra mis-Segretarjat tat-TCT.

Il-Persuna ssekondata għandha twettaq id-dmirijiet assenjati b'mod oġġettiv, imparzjali u għandha żżomm il-lealtà lejn is-Segretarjat tat-TCT.

Il-persuna ssekondata għandha żżomm lura minn kwalunkwe żvelar mhux awtorizzat tal-informazzjoni riċevuta waqt il-qadi ta' dmirijietha sakemm dik l-informazzjoni mhux diġà tkun magħmula pubblika jew tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Il-persuna ssekondata għandha d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji tal-lealtà u l-imparzjalità.

Ma għandu jkun hemm l-ebda pubblikazzjoni jew prestazzjoni pubblika magħmula mill-persuna ssekondata mingħajr approvazzjoni minn qabel tad-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT.

Id-drittijiet kollha fuq kwalunkwe xogħol li jsir mill-persuna ssekondata fit-twettiq tad-dmirijiet matul is-sekondar għandhom ikunu l-proprjetà tas-Segretarjat tat-TCT.

Kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli dwar is-sekondar għandu jagħti d-dritt lid-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT li jittermina s-sekondar tal-persuna ssekondata.

7. Sospensjoni tas-sekondar

7.1 Fuq talba bil-miktub tal-persuna ssekondata jew tal-impjegatur tagħha, u bi qbil ma' din tal-aħħar, id-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT jista' jawtorizza s-sospensjoni ta' perjodi ta' sekondar u jispeċifika t-termini applikabbli. Matul tali sospensjonijiet, il-gratifiki għas-sussistenza previsti mir-regoli dwar is-sekondar ma għandhomx jitħallsu.

8. Terminazzjoni ta' perjodi ta' sekondar

8.1 Is-sekondar jista' jintemm:

a) mill-impjegatur tal-persuna ssekondata, jekk dan ikun meħtieġ mill-interessi essenzjali tal-impjegatur;

b) mid-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT u mill-impjegatur b'mod konġunt, fuq talba tal-persuna ssekondata indirizzata liż-żewġ partijiet, jekk l-interessi personali jew professjonali tal-persuna ssekondata jkunu jeħtieġu dan;

c) mid-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT fil-każ ta' nuqqas min-naħa tal-persuna ssekondata jew tal-impjegatur tagħha li tikkonforma mad-dmirijiet u l-kompiti assenjati u/jew mar-regoli tas-sekondar. Is-Segretarjat tat-TCT għandu jinforma minnufih lill-persuna ssekondata u lill-impjegatur tagħha kif xieraq.

d) f'każ ta' terminazzjoni jew bidla fl-istatus amministrattiv ta' persuna ssekondata.

8.2 It-terminazzjoni ser tkun soġġetta għal notifika ta' xahar.

9. Is-sigurtà soċjali tal-persuna ssekondata

9.1 Qabel ma jibda l-perjodu tas-sekondar, l-impjegatur tal-persuna ssekondata għandu jiċċertifika li l-persuna ssekondata għandha tibqa', matul il-perjodu tas-sekondar, soġġetta għall-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-pensjoni u għal kontribuzzjonijiet oħrajn tas-sigurtà soċjali meħtieġa mil-leġiżlazzjoni domestika tal-impjegatur, li ser jikkonferma wkoll ir-responsabbiltà tiegħu għall-ispejjeż relatati mġarrba barra mill-pajjiż.

9.2 Mill-jum li fih jibda s-sekondar, il-persuna ssekondata għandha tkun assigurata kontra r-riskju ta' marda jew ta' aċċident okkupazzjonali, attribwibbli għat-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali mis-Segretarjat tat-TCT, f'konformità mar-Regoli dwar il-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għas-saħħa, il-qgħad, l-assigurazzjoni tal-pensjoni u tad-diżabilità għall-persunal tas-Segretarjat tat-TCT tal-Komunità tat-Trasport, l-Artikolu 4.

10. Gratifiki għas-sussistenza għall-persuna ssekondata

10.1 Il-persuna ssekondata għandha tkun intitolata għal gratifika għas-sussistenza għal kull jum (DSA), għal kull jum tal-kalendarju matul il-perjodu tas-sekondar.

10.2 L-għan tad-DSA huwa li tkopri l-ispejjeż kollha fil-post tas-sekondar. Id-DSA għandha titħallas għal kull jum tal-kalendarju tax-xahar, inklużi perjodi ta' missjoni, liv annwali, liv speċjali u vaganzi mogħtija mis-Segretarjat tat-TCT.

Id-DSA għandha titħallas f'kont bankarju tal-persuna ssekondata.

Fil-każ ta' assenza mhux awtorizzata, ebda DSA ma għandha titħallas lill-persuna ssekondata, u d-Direttur tas-Segretarjat tat-TCT jista' jiddeċiedi li jtemm is-sekondar.

10.3 Ir-rata ta' DSA għandha tkun ta' EUR 91,28.

10.4 Qabel is-sekondar, l-impjegatur għandu jiċċertifika lis-Segretarjat tat-TCT li matul is-sekondar ser iżomm il-livell ta' remunerazzjoni li l-persuna ssekondata kienet qiegħda tirċievi fiż-żmien tas-sekondar.

10.5 Il-persuna ssekondata ma għandha twettaq l-ebda attività mħallsa barra mis-Segretarjat tat-TCT matul is-sekondar.

10.6 Meta l-persuna ssekondata tibda s-sekondar, l-ewwel 45 jum tal-gratifika għas-sussistenza li għaliha hija intitolata l-persuna ssekondata għandhom jingħataw minn qabel f'forma ta' somma f'daqqa. Għas-sekondar li jibda fl-ewwel jum tax-xahar, din is-somma f'daqqa għandha titħallas sal-25 jum tax-xahar. Għas-sekondar li jibda fis-16-il jum tax-xahar, din is-somma f'daqqa għandha titħallas sal-għaxar jum tax-xahar ta' wara. Jekk is-sekondar jintemm matul l-ewwel 45 jum, il-persuna ssekondata għandha tirritorna l-ammont li jikkorrispondi għall-bqija ta' dak il-perjodu.

10.7 Il-persuni ssekondati, kif ukoll id-dipendenti tagħhom, ma għandhom ikunu intitolati għall-ebda benefiċċju, gratifika jew kumpens ieħor bħall-kostijiet tal-ivvjaġġar u tar-rilokazzjoni meta jibdew jaqdu dmirijiethom u mat-tmiem tas-servizz, il-kontribuzzjoni għas-saħħa, il-qgħad, il-pensjoni u l-assigurazzjoni tad-diżabilità, il-benefiċċju għall-edukazzjoni, eċċ., minbarra dawk stipulati f'dawn ir-regoli dwar is-sekondar.

11. Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-persuna ssekondata

11.1 Is-sigħat tax-xogħol għal persuni ssekondati għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 5 tar-Regolamenti tal-Persunal.

11.2 Il-liv minħabba mard ma jistax jiġi estiż lil hinn mit-tul ta' żmien tas-sekondar tal-persuna kkonċernata.

11.3 Ir-regoli fis-seħħ fis-Segretarjat tat-TCT dwar il-liv annwali, speċjali, minħabba mard, għal mewt fil-familja [1] għandhom japplikaw għall-persuni ssekondati.

11.4 Kwalunkwe liv mhux użat mal-impjegatur qabel il-bidu tas-sekondar ma għandux jitqies u lanqas ma għandu jsir disponibbli meta jiġi ssekondat lis-Segretarjat tat-TCT.

11.5 Matul is-sekondar, il-liv għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mid-dipartiment li lilu tiġi assenjata l-persuna ssekondata kif ukoll mill-Maniġment tas-Segretarjat tat-TCT.

11.6 Il-jiem ta' liv annwali li ma jkunux ittieħdu sal-aħħar tal-perjodu tas-sekondar għandhom jintilfu.

11.7 Il-persuni ssekondati jistgħu jintbagħtu fuq missjoni mis-Segretarjat tat-TCT. L-ispejjeż tal-missjonijiet għandhom jiġu rimborżati f'konformità mar-regoli tal-Ivvjaġġar għall-persunal tal-Komunità tat-Trasport.

11.8 Il-persuni ssekondati għandhom ikunu intitolati jattendu korsijiet ta' taħriġ organizzati mis-Segretarjat tat-TCT, jekk dan ikun fl-interess tas-Segretarjat tat-TCT.

11.9 Il-persuni ssekondati għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess u ta' kunfidenzjalità qabel ma jibdew il-ħidma tagħhom.

11.10 Ir-relazzjoni bejn il-Komunità tat-Trasport u l-persuna ssekondata ma għandhiex tkun regolata mil-liġi tas-Serbja jew mil-liġi ta' kwalunkwe ġuriżdizzjoni lokali oħra, iżda mir-Regolamenti tal-Persunal u l-Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali tas-Segretarjat tat-TCT.

11.11 Il-Komunità tat-Trasport ma għandha tkun responsabbli għall-ebda kontribuzzjoni għal sistemi tas-sigurtà soċjali, assigurazzjonijiet jew għal kwalunkwe arranġament ieħor li l-persuna ssekondata tkun daħlet fih jew li jkun intalab minnha fil-kapaċità individwali tagħha.

11.12 Il-persuni ssekondati għandhom jippreżentaw konferma bil-miktub tal-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-pensjoni tagħhom lis-Segretarjat tat-TCT qabel ma jibdew il-ħidma.

11.13 Il-persuni ssekondati ma għandu jkollhom l-ebda talba għal impjieg fis-Segretarjat tat-TCT.

11.14 F'każ ta' tilwima bejn is-Segretarjat tat-TCT u l-persuna ssekondata, għandu japplika l-Artikolu 14 tal-Anness II “Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport”.

[1] Ir-Regolamenti tal-Persunal tat-TCT: https://www.transport-community.org/wp-content/uploads/2019/11/transport-community-staffrules_annexe2.pdf

12. Esperti kkuntrattati lokalment

12.1 Id-Direttur jista' jingaġġa persuni kkuntrattati lokalment b'rata fis-siegħa ("espert ikkuntrattat lokalment"), għas-Segretarjat tat-TCT jew għall-partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk, soġġett għall-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

a) hemm il-ħtieġa ta' appoġġ amministrattiv jew espert addizzjonali relatat mal-implimentazzjoni tat-TCT;

b) hemm nuqqas ta' kapaċitajiet jew ta' għarfien;

c) perjodu limitat, u

d) disponibbiltà tal-baġit.

12.2 L-ingaġġ ta' esperti kuntrattati lokalment għandu jsir permezz ta' ftehim ta' servizz li għandu jiddetermina r-rata fis-siegħa, deskrizzjoni tal-kompiti assenjati, il-perjodu tal-ingaġġ u l-obbligi ta' kunfidenzjalità. Il-ftehim ta' servizz ma għandux ikun regolat mil-liġi tas-Serbja jew mil-liġi ta' kwalunkwe ġuriżdizzjoni lokali oħra.

12.3 L-esperti kkuntrattati lokalment għandhom jintgħażlu fi proċedura trasparenti mmexxija mis-Segretarjat tat-TCT u ser jiġu skjerati fuq bażi *ad hoc*. L-esperti kkuntrattati lokalment ma jistgħux jiġu skjerati għal aktar minn 320 siegħa ta' xogħol fis-sena. Fi kwalunkwe każ, l-iskjerament ta' persuni kkuntrattati lokalment ma għandux iwassal għal ċirkomvenzjoni tar-Regoli tar-Reklutaġġ. Is-Segretarjat tat-TCT jew kull waħda mill-Partijiet tal-Ewropa tax-Xlokk jistgħu jingaġġaw massimu ta' persuna waħda kkuntrattata lokalment fis-sena.

12.4 L-esperti kkuntrattati lokalment ma għandhomx jitqiesu bħala membri tal-persunal jew uffiċjali tas-Segretarjat tat-TCT u la għandhom ikunu rregolati mir-Regolamenti tal-Persunal u lanqas mill-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali tal-Komunità tat-Trasport.

12.5 L-esperti kkuntrattati lokalment, kif ukoll id-dipendenti tagħhom, ma għandhom ikunu intitolati għall-ebda benefiċċju, gratifika jew kumpens ieħor minbarra r-rata fis-siegħa miftiehma u inkluża fil-ftehim ta' servizz.

12.6 L-esperti kkuntrattati lokalment ma għandu jkollhom l-ebda talba għall-impjieg fis-Segretarjat tat-TCT tal-Komunità tat-Trasport.

13. Dispożizzjonijiet finali

13.1 1 Id-Direttur huwa responsabbli għall-implimentazzjoni xierqa ta' dawn ir-regoli.

13.2. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw mill-ewwel jum tax-xahar kalendarju wara l-adozzjoni tagħhom.

13.3 Id-Direttur jista' jipproponi lill-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali biex jirrieżamina dawn ir-regoli jekk tinqala' xi ċirkostanza raġonevoli.